Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Joseph Mary Grech

vs

BJG Imports Co. Ltd – Eric Bonello u George Bonello

CCT 97/26/MM

Illum, 27 ta' Ottubru 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tat-talba ppreżentat minn Joseph Mary Grech kontra BJG Imports Co. Ltd li permezz tiegħu qiegħad jitlob rifużjoni ta' tliet mija u erbgħa u tmenin ewro (€384) imħallsa għall-zewġ water heaters elettriċi Atlantic ta' 50 litru.
Ra l-irċevuta fiskali u d-dokumenti esebiti fosthm ritratti, il-garanziji tal-prodott, u l-korrispondenza tal-manifattur.
Sema' bil-ġurament li r-rikorrent, lil Jean Pierre Grech u Eric Bonello għas-soċjetà intimata.

Ikkunsidra

Ill r-rikorrent qiegħad jitlob ir-rifużjoni ta' tliet mija u erbgħa u tmenin ewro (€384) imħallsa skont fattura numru 6423 tat-12 ta' Settembru 2025, b'rabta ma' żewġ water heaters elettriċi Atlantic ta' 50 litru, il-konnessjonijiet flessibbli u l-aċċessorji mixtrija magħhom.

Illi t-tilwima tikkonċerna, essenzjalment, il-preżenza ta' sadid fil-konnessjonijiet tal-ilma sħun u lment dwar tnixxija minima tal-ilma wara l-installazzjoni, kif ukoll id-domanda jekk dawk il-fenomeni juru nuqqas ta' konformità imputabbli lill-bejjiegħ jew, minflok, problema marbuta mal-installazzjoni mwettqa minn terz.

Illi r-rikorrent jgħid li l-apparat ġie installat f'appartament f'Ta' Kerċem u li, ftit wara t-twaħħil, deher sadid fil-konnessjonijiet; qal li, għalkemm l-apparati ma kinux qegħdin

jintużaw sabiex isaħħnu l-ilma, l-ilma kien jgħaddi minnhom. Waqt ix-xhieda tiegħu qal li l-installazzjoni saret mill-plumber tiegħu u mhux mis-soċjeta' intimata u spjega li l-plumber kien għamel tape ma wieħed mill-konnessjonijiet u oħra b'washer; u li filmat esebit minnu kien juri li l-ilma ma jnixxix bil-vit miftuħ. Għamel paragun ma' apparat ta' marka oħra installat mill-istess persuna fejn f'din l-okkazjoni ma kien hemm l-ebda problema bil-heater. Ir-rikorrent rrileva li hemm sadid anki fuq heaters esposti fis-showroom tals-soċjeta' intimata.

Illi Eric Bonello, għas-soċjetà intimata, xehed li t-twaħħil muri fir-ritratti ma kienx korrett, li l-ħadid mikxuf mingħajr separazzjoni adegwata jista' jikkorrodi u li tnixxija żgħira fil-ġonot tista' tidher meta l-apparat ikun qed jitnuza u jkin hemm il-pressa u għalhekk mhux neċesserjament se jidher inixxi jekk sempliċiment tiftaħ il-vit. Huwa esebixxa ittra tal-manifattur Atlantic International tat-3 ta' Lulju 2026, li tiddistingwi bejn is-sadid superfiċjali fuq il-konnessjonijiet esterni u difett strutturali fil-water heater, u tindika konnessjonijiet dielettriċi jew ertjar xieraq bħala mezzi kontra l-korrużjoni galvanika.

Ikkunsidra

Illi l-artikoli 72 sa 83 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendati permezz tal-Att I tal-2022 sabiex jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2019/771, jirregolaw il-konformità tal-oġġetti mibjugħa lill-konsumaturi u r-rimedji għal nuqqas ta' konformità. Skont l-artikolu 73, il-bejjiegħ għandu jikkunsinna oġġetti li jikkonformaw mal-kuntratt, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kwalità, il-funzjonalità u d-durabbiltà li konsumatur jista' raġonevolment jistenna minn oġġetti tal-istess tip.

L-artikolu 78(1) jagħmel lill-bejjiegħ responsabbli għal nuqqas ta' konformità eżistenti fil-konsenja li joħroġ fi żmien sentejn. L-artikolu 80(1) jistabbilixxi preżunzjoni importanti favur il-konsumatur: nuqqas ta' konformità li jidher fi żmien sena mill-konsenja jitqies li kien jeżisti f'dak il-waqt, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju jew sakemm dik il-preżunzjoni tkun inkompatibbli man-natura tal-oġġett jew tan-nuqqas. B'danakollu, din il-preżunzjoni ma tissostitwixxix għal kollox il-prova tal-eżistenza stess ta' nuqqas ta' konformità: huwa l-ewwel meħtieġ li jiġi stabbilit x'inhu l-fenomenu lamentat u jekk fil-fatt jammontax għal nuqqas fil-prodott jew fl-aċċessorji mibjugħa.

Fejn il-problema toriġina f'installazzjoni żbaljata, l-artikolu 73(7) jipprovdi meta installazzjoni difettuża tista' titqies bħala nuqqas ta' konformità tal-oġġetti, partikolarment fejn l-installazzjoni tifforma parti mill-kuntratt u ssir mill-bejjiegħ jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jew fejn l-installazzjoni mwettqa mill-konsumatur kienet żbaljata minħabba

nuqqasijiet fl-istruzzjonijiet. L-artikolu ma jimponix b'mod awtomatiku fuq il-bejjiegħ ir-responsabbiltà għal kull għemil ta' plumber indipendenti ingaġġat mill-konsumatur.

Ir-rimedji fl-artikolu 74 għandhom jinftiehmu flimkien mal-artikoli 75, 76 u 78A. Il-konformità normalment tintlaħaq permezz ta' tiswija jew sostituzzjoni skont il-kundizzjonijiet tal-liġi; it-tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt jingħataw fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 74(3), filwaqt li l-artikolu 76(2) jeskludi t-terminazzjoni meta n-nuqqas ikun biss minuri, bil-piż tal-prova ta' dik il-minorità fuq il-bejjiegħ. Garanzija kummerċjali ta' tliet jew ħames snin ma tistax tnaqqas dawn id-drittijiet statutorji u ma tagħmilx kull marka ta' sadid, waħedha, prova ta' difett fil-prodott.

Ikkunsidra

Illi fil-kawżi ċivili l-ġudikant għandu jfittex ċertezza morali fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, u mhux prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Fil-kawża **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' April 2002, ġie mtenni li ċ-ċertezza morali ċivili tista' tirriżulta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Fil-kawża **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966, ġie spjegat li konflitt bejn verżjonijiet ma jeżentax lill-ġudikant milli jqis il-kredibbiltà, il-konsistenza u l-verosimiljanza tal-provi. Dawn il-prinċipji għandhom, fil-kuntest preżenti, jiġu applikati bla ma jitnaqqas l-effett speċifiku tal-preżunzjoni legali fl-artikolu 80 tal-Kap. 378.

L-ewwel nett, il-fatt materjali li fl-inħawi tal-konnessjonijiet deher sadid jirriżulta sostnut mir-ritratti, u t-Tribunal ma għandux raġuni jċaħħad lir-rikorrent mill-kredibbiltà sempliċement għaliex l-intimata tagħti spjegazzjoni oħra. Madankollu, ir-ritratti juru essenzjalment il-ġonot u l-partijiet ta' konnessjoni esterni; ma jurux qsim, perforazzjoni jew ħsara fil-ħażna interna tal-ilma, u ma jistabbilixxux, waħedhom, li l-apparat elettroniku jew it-tank ma kinux konformi fil-konsenja. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-fattura tinkludi aċċessorji u pajpijiet flessibbli: għaldaqstant id-distinzjoni bejn apparat u konnessjoni ma teżentax awtomatikament lill-bejjiegħ minn kull responsabbiltà, iżda titlob li jiġi identifikat fejn kien in-nuqqas u minn xiex ikkawżah.

It-tieni nett, l-ittra tal-manifattur ma tistax tingħata l-piż ta' perizja indipendenti mwettqa fuq il-post u dan stante li l-manifattur ma spezzjonax personalment l-installazzjoni fil-kawża odjerna. Iżda l-kontenut tekniku tagħha huwa konsistenti ma' dak li jidher fir-ritratti, mal-provi dwar il-konnessjonijiet u mal-fatt, mhux ikkontestat, li l-installazzjoni saret minn plumber imqabbad mir-rikorrent. L-ispjegazzjoni dwar korrużjoni galvanika u n-nuqqas ta'

separazzjoni dielettrika jew siġillar xieraq hija għalhekk waħda li għandha bażi konkreta fl-atti u mhijiex sempliċi suppożizzjoni astratta. Illi n-nuqqas tar-rikorrent li jipprezenta bhala xhud lill-plumber tiegħu jimmilita konta tiegħu.

It-tielet nett, ir-rikorrent innifsu ammetta li mhux il-ġonot kollha ġew magħmula bl-istess mod; fuq konnessjoni ntuża tape tat-thread, filwaqt li fuq oħra kien hemm washer. Dan il-fatt ma jfissirx li kull konnessjoni neċessarjament teħtieġ tape stante li l-adegwatezza tiddependi fuq it-tip ta' fitting. Madankollu, fl-assenza ta' rapport jew xhieda tal-plumber dwar l-ispeċifikazzjoni tat-twaħħil, ma hemmx bażi sodisfaċenti biex it-Tribunal jikkonkludi li l-konnessjonijiet kollha ġew installati skont ir-rekwiżiti tal-manifattur. Bl-istess mod, il-filmat li fih, skont ir-rikorrent, ma tidhirx tnixxija bil-vit miftuħ ma jeskludix tnixxija żgħira li tidher taħt kundizzjonijiet oħra meta jkun hemm il-pressa tal-ilma.

Ili r-riferiment għall-apparat esposti fis-showroom u għall-apparat ta' marka oħra fid-dar għandu valur ċirkostanzjali limitat u kwazi negligibbli. Il-kundizzjonijiet tat-twaħħil, l-istorja u l-użu ta' dawk l-apparati mhumiex paragunabbli b'mod ivverifikat mal-installazzjoni in kwistjoni. Fuq kollox, Eric Bonello ta' spjegazzjoni sodisfaċnenti li l-apparati esposti kienu mudelli użati li jintuzaw biss għad-display. Min imkien fil-proċess ma hemm prova li hemm difett intrinsiku komuni.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis li ma ġiex stabbilit, sal-grad ta' probabbiltà meħtieġ, nuqqas ta' konformità imputabbli lill-bejjiegħ li jagħti lok għat-terminazzjoni tal-bejgħ. Illi fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, l-aktar kawża verosimili hija marbuta mal-konnessjonijiet u l-installazzjoni aktar milli ma' difett eżistenti fit-tank jew fl-apparat meta ġew ikkunsinnati.

Decide

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, wara li qies il-provi kollha qiegħad jiċġad it-talba ta' Joseph Mary Grech bl-ispejjez kontra tiegħu.

Dr Martha Mifsud
Arbitru